[*Imsemmija b'tifħir*]

# DUMINKU L-MIGNUN

"Ara ġej Salvu l-iblah", bdew igħajtu t-tfal tar-raħal, u telqu għal warajh biex jinbxuh.

"Ħalluh jaħasra" qalet Katarin, xebba fuq ruħha, li ma kenitx taħmel min jaħqar lill-imsejknin.

"Int ara kemm hu tad-daħk, idur fuq sieq waħda u jlablab" weġbuha t-tfal.

"Ara ħalluh u ejjew ħdejja ħa ngħidilkom ġrajja."

"Vera, Katarin?"

"Vera, ngħid, għax hi l-ġrajja ta' Duminku li joqgħod magħna. Tiftakruh hux?"

"Iva, iva, niftakruh; dak bħalek Katarin, ma kienx irid min jaħqar il-bhejjem u 'l min ma jiflaħx.

"Kellu għaliex" wieġbet Katarin, "isimgħu. Xi għaxar snin ilu, Duminku kien għadu żagħżugħ mimli saħħa u ħila, mhux xiħ kif tafuh intom. Kien jaħdem ir-raba' u jgħix ma' martu Lunzjat, mara bil-għaqal u tar-ruħ, f'għorfa mwarrba, in-naħa tal-Mellieħa. Kellhom tifla, Lieni, il-għaxqa tagħhom; ħajjithom u xogħolhom kienu iebsa, iżda kellhom l-hena f'qalbhom, l-ebda għelt u ħsieb li jħawwadhom u t-tama tagħhom f'Alla.

Kull filgħodu jqumu fil-ħamsa, Duminku imur fil-għalqa tiegħu u Lunzjat taħseb għad-dar, b'Lieni ddur magħha u tgħinha. Filgħaxija xħin jerfa' mix-xogħol, Duminku kien joħroġ ma' martu u bintu għal dawra qalb is-siġar li kien hemm ħdejn l-għorfa tagħhom. Kienu jħobbu joqogħdu fil-beraħ f'dik il-ħemda li taqa' xħin il-jum ikun sa jintemm.

Kull tlett xhur Duminku kien jasal wasla sal-Belt biex ibigħ l-aħjar ħxejjex u frott li jkun ġabar u biex jixtri xi ħwejjeġ li jonqsu fid-dar. Darba waħda, xħin kien sejjer, Lieni, li kellha xi tmien snin, bdiet tibki, qabdet ma' missierha u ma reditx tħallih imur; iżda l-ħin kien sar, kollox kien imħejji, Lunzjat refgħet iż-żgħira u daħħlitha ġewwa. Dak il-lejl kellha tgħaddih weħidha, għax żewġha kien jorqod il-Belt biex ikun hemm kmieni u jsib min jixtri l-ħaxix tiegħu. Lunzjat ma kellhiex mniex tibża', iżda f'dawn il-lejliet kienet tħossha mħawwda u mdejjqa, u din id-darba aktar mis-soltu. Sikktet iż-żgħira u raqqditha, u ftit wara raqdet hi wkoll.

L-għada Duminku kien ġej lura kollu ferħan għax kien qala' ftit flus ġmielhom; mill-bogħod lemaħ qatta nies ħdejn

dâru, ħaseb li ġara xi ħaġa u beda jgħaġġel. In-nies rawh ġej, iżda ma kellmuhx. Kif wasal, mill-għorfa tiegħu, ma râx ħlief injam maħruq u fdal bla sura mġemmda. Ħares ma' dwaru, bħal wieħed mitluf. Xi ħadd qabdu minn driegħu u warrbu minn hemm. "Fejnhom?" saqsieh Dumink bi snienu mgħeżża.

"Qegħdin igawdu, ikollok sabar u..."

Ma setagħx jissokta, għax karba tal-biża' ħarġet minn fomm Dumink u telaq b'ġirja lejn dak li fadal minn dâru. Ħadd ma ssogra jersaq lejh. Mar il-kappillan biex ifarrġu, sabu mixħut wiċċu fl-art. Għalxejn ried isabbru, l-imsejken ma wieġibx ħlief: "Ħallini, huma telqu," u lil min kien ikellmu kien dejjem igħid: Huma telqu, huma telqu," tant li n-nies rat li moħħu ma baqâx f'postu.

Beda jiġġerra l-hawn u l-hinn, sakemm sab għar imkennen fuq għolja, u beda jgħix fih. Bil-lejl kien igħajjat bħal xi bhima muġugħa, u f'qasir żmien saret fih tibdila tal-għaġeb, ma kienx jingħaraf iżjed. Meta kien jidher fir-raħal in-nies kienu jiddieħku bih u jinbxuh, it-tfal kienu jaqbżu ma' dwaru u hu kien ikollu jmur jistaħba fil-għar."

"Miskin" qalu hawn xi tfal li kienu jisimgħu lil Katarin. "Imma Duminku kif nafuh aħna ma kienx miġnun."

"Darba waħda" issoktat Katarin "kelli xi għaxar snin, kont niġbor il-ward f'dawk l-inħawi. Ma nafx minn fejn deher quddiemi Duminku l-miġnun; għaraftu, bdejt nibża', ridt ngħajjat, ma stajtx; hu qalli: 'Tibżâx, ma nagħmillek xejn' u resaq lejja; qal minn taħt ilsien: "Imsejkna tifla' u nxteħet fl-art jibki. Jien li kont naf xi ġralu, ħassejt qalbi tingħafas bdejt inżiegħel bih, iżda erġajt bdejt nibża' u tlaqt niġri lejn id-dar. Hu baqa' ġej warajja u dak il-lejl raqad taħt ħajt il-ġnien.

Minn dak in-nhar donnu sab serħan; ma baqâx igħajjat u jibża' min-nies; kull jum kien jiġi bi fjuri għalijja, u jien kont nistennieh u natih x'jiekol. Għandi mnejn kont infakkru f'bintu; kien iħobb jiġi miegħi u jien ferħana li stajt nagħmillu l-ġid, għamilt kemm flaħt biex ma nħallix min jaħqru.

Darba ridt nieħdu l-knisja. Meta wasalna ma riedx jifhem; ħarab u dak il-jum ma rajtu xejn. Xi xahar wara ħadtu fejn kienu midfuna martu u bintu; kif urejtu l-qabar inxteħet fuqu jibki u jolfoq; imbagħad qalli: 'Ejja nitolbu għal ruħhom.' Hekk għamilna u bdejna mmorru kull jum fuq dak il-qabar nitolbu u nqegħdu ward frisk.

Wara xi ġimgħa qalli: 'Għax ma mmorrux għall-quddies?' Jien kollni ferħana wegħedtu li nieħdu u l-Ħadd ta' wara Duminku, bid-dmugħ f'għajnejh reġa' ta' qima lill-Mulej,

fehem x'kien għadda minn għalih, ftakar kollox, u ħass ruħu mfarraġ.

In-nies ferħu xħin rawh tajjeb u f'sessieh. Lili sikwit kien igħidli li ma jridx jitbiegħed minni. Jien tlabt lil missieri biex inżommuh magħna u hu ikkuntentani. Baqa' hekk sal-mewt u intom tafu kemm kien maħbub ix-xwejjaħ Duminku."

Hawn Katarin mesħet demgħa li qabżitilha minn għajnejha.

"Mela issa tafu għaliex ma rridx nara min jaħqar lil min ma jiflaħx. Issa wegħduni li dejjem ikollkom ħniena mill-imsejknin, u li ma tħallux min jaħqarhom."

It-tfal wegħduha bil-qalb u b'rieda soda, u żammew kelmithom.

ACER (MARY CARUANA)